**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**
**[Dr. Cynthia Tomasuolo]**
**[Spettur Dorienne Tabone]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 32/2024**

**Illum, erbgha (4) ta' Gunju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis- detentur tal-karta tal-identità -Omissis-** akkuzat talli bejn Jannar tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u Dicembru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) gewwa z--Omissis- u -Omissis- u/jew f'diversi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmula minnu, ukoll jekk fi zminijet differenti, u li

jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda talli:

1. **Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena ossia ma' -Omissis-, imwielda -Omissis-, liema persuna hija vulnerabbli fit-termini tal-ligi stante meta sehh d-delitt, hija kienet taht il-hmistax(15)-il-sena, u liema delitt sar fuq il-persuna li kienet f'relazzjoni mal-hati;**
   ***(Artikolu 204C(1), Artikolu 208AC(1b)(2a), Artikolu 202(h)(vi) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta);***

2. **U aktar talli f'istess zmien, lok u cirkostanzi b'ghemil zieni, kkorrompa persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena ossia lil -Omissis-, imwielda -Omissis-;**
   ***(Artikolu 203(1) ta' Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta);***

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll il-provvedimenti tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuna hawn fuq imsemmija.**

**Il-Qorti giet mitluba wkoll li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-**

**Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.**

**Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna li s-sentenza tigi registrata ai termini tal-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda tal-minuri -Omissis- fejn iddikjarat illi hija u l-imputat qeghdin f'relazzjoni stabbli fejn anke qed jistennew tarbija flimkien. Hija kkonfermat illi bdew relazzjoni sesswali wara ezatt li kienet ghalqet l-erbatax (14)-il sena u dan kollu kien bil-kunsens. Finalment hija kkonfermat illi ma xtaqitx tkompli b'dawn il-proceduri.

Xehdet ukoll -Omissis- li tigi il-mamà tal-minuri fejn ikkonfermat illi -Omissis- hija tifla bil-ghaqal u li ma ghandhiex xi tgerger minnha. Hija tghid illi kienet konxja mill-ewwel li t-tnejn kienu qeghdin johorgu flimkien u qatt ma kellha problema b'dan stante li tiddeskrivi lill-imputat bhala biezel u li jirrispetta lil bintha. Fil-fatt tghid illi sahansitra tqisu bhal wiehed mit-tfal taghha. Tikkonferma li bintha u l-imputat ghandhom pjan li jibnu familja flimkien bit-tarbija li kienet ser titwieled ftit wara.

Rat id-dokument ipprezentat mill-prosekuzzjoni li huwa certifikat tat-twelid tat-tarbija bejn l-imputat u l-minuri li jiccertifika li -Omissis- twieldet -Omissis- mill-genituri -Omissis- u -Omissis-.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kaz *de quo* jittratta dwar allegat partecipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax (16)-il sena u korruzzjoni ta' minorenni. Minkejja l-gravità ta' dawn ir-reati, l-imputat, fis-seduta datata tlettax (13) ta' Frar tas-sena 2024, ammetta ghal tali reat.

Illi harsa lejn id-dispozizzjonijiet relevanti u cioè l-Artikolu 204C (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan jistipula hekk:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax -il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin"*

Illi l-Artikolu 208AC(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula dan li gej:

> *"l-piena ghar-reati msemmija fl-artikoli 204, 204A sa 204D, it-tnejn inkluzi, 208A(1) sa 208AB, it-tnejn inkluzi, ghandha tizdied bi grad jew b'zewg gradi, fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin:*
>
> *…*
>
> > *b. meta l-persuna ta' taht l-età hija persuna vulnerabbli fi hdan it-tifsira tas-subartikolu (2)".*

Illi jirrizulta mill-atti li fi zmien li sehh l-allegat reat il-parte civile kellha erbatax (14)-il sena u ghalhekk din il-Qorti ser

taghmel referenza ghall-Artikolu 208AC(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"ghall-finijiet ta' dan l-artikolu persuna vulnerabbli tfisser:*
>
> *…*
>
> *a. kull persuna ta' taht il-hmistax -il sena."*

Imbaghad l-Artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:

> *"Kull min, b'ghemil zieni, jikkorrompi persuna ta' that is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn erbgha sa tmien snin:"*

Illi l-ammissjoni tal-imputat gie rregistrat fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri filwaqt li l-istess imputat kien anke kkopera mal-prosekuzzjoni fl-istadju investigattiv. Illi però ghandu jinghad illi fl-ahhar mill-ahhar l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u dan wara li gie mgharraf bil-konsegwenzi ta' tali akkuzi.

Illi jidher mill-akkuza illi dak iz-zmien tar-reat l-imputat kellu ghoxrin (20) sena u l-parte civile kellha erbatax (14)-il sena. Illi ghalhekk bejn l-imputat u l-parte civile kien

hemm differenza ta' sitt (6) snin. Ghaldaqstant u gialadarba bejn l-imputat u l-minuri kien hemm aktar minn hames (5) snin ma jistax jigi applikat id-dispozizzjoni tal-Artikolu 204(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda peress illi xorta ma hemmx hafna snin minn xulxin u stante li l-atti kienu konsenswali u t-tnejn bi hsiebhom ikomplu bir-relazzjoni taghhom tant illi ghandhom wild in komuni ser jigi applikat il-proviso tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:

> *"Izda meta fil-fehma tal-qorti jkunu jezistu cirkostanzi, li ghandhom jigu dikjarati b'mod car fl-ordni, li jkunu jimmeritaw lil-hati jitqieghed taht ordni ta' probation fil-kaz ta' reat li, minbarra xi zjieda fil-piena minhabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta' htija precedenti, jkun punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba' snin izda mhux ghaxar snin, il-qorti tista' taghmel ordni ta' probation".*

Illi l-applikazzjoni ta' dan il-provvediment qed isir unikament peress illi gie kkonstata illi t-tnejn ghadhom f'relazzjoni, ghandhom wild bejniethom, u jixtiequ jkabbru l-familja taghhom flimkien.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 204C(1), 208AC(1b)(2a), 202(h)(vi), 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **-Omissis-** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tpoggih taht Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin mil-lum u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**